**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**OMISSIS OMISSIS**

**Kumpilazzjoni Nru. 22/2025 AC**

**Illum, is-16 ta' April 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS** ta' ħmistax (15)-il sena, ta' nazzjonalita' Maltija, mwieled l-Pieta' fit-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) u residenti OMISSIS detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija OMISSIS, li kien akkużat talli ġewwa Triq Sir William Reid, Dingli, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fl-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), bejn it-tmienja (20:00) u d-disgħa u nofs (21:30) ta' bil-lejl:

1. Inġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku, u dan tal-Kuntistabbli (PC) 748 Nathan Ciappara, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, attakka jew jagħmel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Ramon Scerri Med. No. 1986;

3. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Nathan Ciappara u/jew persuni oħra;

4. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra persuna, OMISSIS Busuttil, sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

5. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, inġurja jew hedded mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Giovanna Antida Gatt, Lucia Pace, Sebastiana Simler, OMISSIS Busuttil, Nathan Ciappara u/jew lil persuni oħra;

6. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi inqast li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PC 748 Nathan Ciappara, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

7. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi għamilt reat ieħor wara li kont ġejt ikkundannat għal reat b'żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Critien LL.D., datata d-9 ta' Jannar 2025, liema sentenzi huma definittivi, b'hekk ġibt ruħek reċidiv;

8. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi waqt ordni ta' probation għal tlett snin, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Critien LL.D., datata d-9 ta' Jannar 2025, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, waqt ordni ta' probation għal tlett snin, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Critien LL.D., datata d-9 ta' Jannar 2025 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Giovanna Antida Gatt, Lucia Pace, Sebastiana Simler, OMISSIS, Nathan Ciappara u/jew lil persuni oħra skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat li meta l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Elaine Rizzo nhar it-12 ta' Jannar 2025[1], l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat kienu moqrija u kkonfermati bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Sarah Magri[2];

Rat li meta fl-istess seduta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[3], wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li fl-istess seduta, il-Qorti kif diversament preseduta ordnat li l-imputat jitpoġġa taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[4];

---

[1] Ara a fol 5 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 7 *et seq* tal-proċess
[3] Ara a fol 10 tal-proċess
[4] Ara l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2025 a fol 5 *et seq* tal-proċess

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat b'mod sommarju[5];

2. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fil-11 ta' Jannar 2025[6];

3. Rapport tal-NPS bir-referenza 10/POL/195/2025[7];

4. L-Istqarrija rrilaxxata mill-imputat[8];

5. Permess tar-Residenza tal-imputat[9];

6. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datata l-14 ta' Jannar 2025 sabiex tinforma lill-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Noelene Cassar sabiex issegwi lill-imputat fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[10];

7. Rapport tal-*Probation Officer* Noelene Cassar datat it-22 ta' Jannar 2025 rigward l-andament tal-imputat[11];

8. Ċertifikat Mediku datat l-10 ta' Jannar 2025 maħruġ favur Nathan Ciappara mit-Tabib Dr. Ramon Scerri (MR: 1986)[12];

9. Ċertifikat Mediku datat it-13 ta' Jannar 2025 maħruġ favur PC 748 Nathan Ciappara mit-Tabib Dr. Mario Scerri[13];

10. *Pendrive* kontenenti filmat dwar l-akkadut[14];

---

[5] Ara Dok SM a fol 11 tal-proċess
[6] Ara Dok SM1 a fol 12 tal-proċess
[7] Ara Dok SM2 a fol 13 *et seq* tal-proċess
[8] Ara Dok SM3 a fol 19 *et seq* tal-proċess
[9] Ara Dok SM4 a fol 21 tal-proċess
[10] Ara a fol 22 tal-proċess
[11] Ara a fol 23 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok NC1 a fol 37 tal-proċess
[13] Ara Dok NC2 a fol 38 tal-proċess
[14] Ara Dok NC3 a fol 39 tal-proċess

11. Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija datata l-10 ta' Jannar 2025 li permezz tagħha informa lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Lara Lanfranco LL.D. li l-arrest tal-imputat ser jeċċedi s-sitt (6) sigħat[15];

12. Ċertifikat Mediku datat l-10 ta' Jannar 2025 maħruġ favur l-imputat[16];

13. Vera Kopja tas-Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Christian Cauchi) v. OMISSIS** datata d-9 ta' Jannar 2025[17];

14. Rapport tal-*Probation Officer* Noelene Cassar datat it-2 ta' April 2025 rigward l-andament tal-imputat[18];

Semgħet ix-xhieda, li bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw is-segwenti:

**PC 748 Nathan Ciappara** jixhed fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2025[19], li fl-10 ta' Jannar 2025 kien dettaljat xogħol mis-18:00hrs u 00:00hrs ġewwa r-residenza numru 67, Triq Sir William Reid Ħad-Dingli, liema residenza kienet għadha tiftaħ dakinhar stess biex tilqa' tfal minorenni taħt *Care Order*. Ix-xhud jispjega li għall-ħabta tat-20:20 ta' filgħaxija kien hemm tifel minorenni, ċertu OMISSIS OMISSIS, li kien qiegħed fis-salott juża t-*tablet* u ħin minnhom qam u mar biex jitla' fuq. Jgħid li dak il-ħin kien hemm *carer* li kienet xogħol li ġibditlu l-attenzjoni li suppost jaf li ma jistax jitla' fuq bit-*tablet*, u wissietu li jekk jagħmel hekk, kienet ser taqta' l-*internet*, iżda OMISSIS injoraha u baqa' tiela' fuq bit-*tablet* u għalhekk il-*carer* tfiet l-*internet*. Jispjega li ftit sekondi wara instema' l-bieb tas-sular ta' fuq jinstabat, u x-xhud tela' jkellmu, xegħel il-*body cam*, u qallu biex ma jsabbatx u jibża' għall-affarijiet, u talbu jinżel isfel u jkun jista' juża t-*tablet* kemm irid. Fil-frattemp peress li nqata' l-*internet*, dan inqata' għat-tfal l-oħra wkoll, u dak il-ħin OMISSIS beda jargumenta max-xhud, li qallu li t-tfal l-oħra setgħu jużaw il-*mobiles* fil-kamra tagħhom u hu ma setgħax. Ix-xhud jgħid li spjega lil OMISSIS li min-naħa tiegħu fuq din il-ħaġa ma tantx seta' jgħinu, u idealment ikellem lill-*carers* u aktar minn hekk lill-*leader* tagħhom.

[15] Ara Dok SMA1 a fol 72 tal-proċess
[16] Ara Dok SMA2 a fol 73 tal-proċess
[17] Ara Dok IG1 a fol 102 tal-proċess
[18] Ara a fol 117 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta 29 *et seq* tal-proċess

Ix-xhud ikompli li hu u OMISSIS niżlu isfel u x-xhud ħaseb li OMISSIS kien ser imur lura lejn is-salott, pero' dak il-ħin OMISSIS mar direttament fuq il-*carers* "***qisu b'ċertu arroganza***"[20] biex iċemplu lill-*leader* dak il-ħin, li fuq domanda tal-Qorti, jsemmi li hija ċertu Natasha. Ix-xhud jgħid li l-*carers* spjegaw lil OMISSIS li ma kienux ser iċemplu lil-*leader* dak il-ħin pero' qalulu li kienu ser ikellmuha żgur fuq din is-sitwazzjoni, u r-reazzjoni ta' OMISSIS kienet li mar jaqla' d-*decoder* tal-*internet* minn mal-plakka, u kif ix-xhud mar biex jeħodhielu, sar aggressiv fil-konfront tiegħu u beda jgħajjat miegħu f'wiċċu u OMISSIS beda jgħid lix-xhud biex ma jmissux u beda jimbotta lix-xhud. Ix-xhud jispjega li s-sitwazzjoni dak il-ħin eskalat tant li spiċċaw jissaraw ma' xulxin u peress li donnu ma tantx wera x-xewqa li jikkalma, ix-xhud għażel li jimmanetOMISSISah, iżda meta pprova jagħmel hekk, il-*carers* ġibdulu l-attenzjoni li OMISSIS kien qed jipprova jigdimlu idejh il-leminija, u l-*carers* ippruvaw iwaqqfuh.

Wara li kkalma ftit, ix-xhud u OMISSIS reġgħu qamu fuq saqajhom, u l-ewwel ħaġa li għamel ix-xhud kienet li jwaħħal il-*body cam* għaliex inqagħlet, u x-xhud innota li OMISSIS kellu xi dmija f'xufftejh. Dak il-ħin ix-xhud jgħid li qal lil OMISSIS biex jikkalma u jmur miegħu biex ixxarrablu xufftejh taħt l-ilma, imma ma riedx, anzi qabeż minn fuq is-sufan u aggreda lil tifel ieħor, ċertu OMISSIS, li x-xhud jgħid li ma kellux x'jaqsam ma' dak li kien għaddej, u wara dan, telaq jiġri f'kamra li tintuża bħala uffiċċju jfittex id-*decoder*. Ix-xhud jispjega li mar warajh u beda jispjegalu li hemmhekk ma kellux għalfejn jidħol u OMISSIS reġa' beda kontinwament jgħajjat f'wiċċ ix-xhud jgħidlu biex ma jmissux. Wara dan ix-xhud ħareġ lil OMISSIS mill-kamra għal ġol-kuritur u dak il-ħin "***reġgħet taret waqgħet il-camera għat-tieni darba***"[21], u din id-darba, OMISSIS ixxutOMISSISaha 'l bogħod mix-xhud, u ġie jgħid lix-xhud li "***kieku jiena mhux pulizija daqqa ta' minkeb itini***"[22]. Ix-xhud jispjega li OMISSIS baqa' jissara, u x-xhud baqa' jgħidlu biex jikkalma u ma jkabbarx l-affarijiet iżjed, iżda reġgħu spiċċaw jissaraw filmkien mal-art fil-kuritur u ġew jassistuh xi *carers* kif setgħu peress li l-kuritur kien dejjaq. Wara ftit OMISSIS qisu beda jikkalma, u x-xhud u hu qamu, u OMISSIS mexa lejn is-salott u x-xhud mexa warajh, u OMISSIS poġġa bil-qiegħda fuq is-salott u kkalma kompletament. Ix-xhud jispjega li dak il-ħin waslu l-

[20] Ara a fol 30 tal-proċess
[21] Ara a fol 31 tal-proċess
[22] Ara a fol 32 tal-proċess

Ispettur tal-Għassa Sarah Magri flimkien mal-Pulizija tad-Distrett tal-*RIU*, li kienu żewġ *units*, u sakemm ix-xhud beda jispjega dak li ġara lis-Surġent waqt l-inċident l-Ispettur laħqet infurmat lil OMISSIS li kien jinsab taħt arrest dwar l-akkadut u tagħtu d-drittijiet legali tiegħu bil-fomm. Ix-xhud li jgħid li dak il-ħin innota li kellu xi ġrieħi f'idejh li seta' jara dak il-ħin u għalhekk l-Ispettur bagħtitu biex jagħmel ċertifikat mediku fil-*clinic* tal-Mosta u għadda ċ-ċertifikat lill-Pulizija tad-Distrett, u jispjega li tlett ijiem wara kellu jerġa' jmur għand tabib minħabba li ħarġulu aktar ġrieħi.

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud jgħid li ħarġulu tbenġiliet fiż-żewġ irkopptejn, intefaħlu subgħajh u kellu daqqa f'ħalqu. Mistoqsi dwar l-għan ta' xogħolhom fir-residenza, ix-xhud iwieġeb li bħala Pulizija jkunu stazzjonati hemmhekk sabiex iżommu l-bon ordni fir-residenza minħabba li "***huma tfal naqra problematiċi***"[23], u sfortunatament xi kultant b'mod ġenerali, il-mod kif ikellmu lill-*carers* minn għajnejh "***ma tantx hu sewwa***"[24]. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud li mill-*carers* li hemm jaħdmu f'din ir-residenza jaf li kien hemm ċertu "***Lucille jew Lucia kif jgħajjtulha, Antida u Bessy***"[25], pero' jistqarr li ma kienx jaf aktar minn hekk, u rigward it-tfal li kien hemm preżenti waqt l-akkadut, ix-xhud isemmi lil ċertu Denzel, OMISSIS, Kai li ma kienx hemm mill-bidu peress li kien qiegħed fuq rieqed, u OMISSIS u OMISSIS kienu preżenti iżda ma ntervjenewx. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, **f'dan l-istadju x-xhud jindika lil OMISSIS bħala l-imputat preżenti fl-awla**, u jippreżenta ċ-ċertifikati mediċi li kien għamel wara l-akkadut, li kienu immarkati bħala Dok NC1 u Dok NC2 rispettivament, bl-ewwel wieħed magħmul wara li kien mibgħut mill-Ispettur Sarah Magri dakinhar tal-akkadut, u t-tieni wieħed li kien magħmul wara li ħarġulu aktar ġrieħi wara dakinhar tal-inċident, u jikkonferma li n-natura ta' dawn il-ġrieħi kienet waħda ħafifa. Ix-xhud jikkonferma wkoll li wara dakinhar tat-tieni ċertifikat ma reġax mar biex ikun invistat minn xi tabib. Ix-xhud jippreżenta wkoll *pendrive* kontenenti filmat mill-*body cam* tax-xhud wara li saret talba għalih, liema *pendrive* kienet immarkata bħala Dok NC3. In kontro-eżami, ix-xhud jispjega li din il-kwistjoni bdiet għaliex hemm regoli li ma jistax itella' t-*tablet* fil-kamra

[23] Ara a fol 33 tal-proċess
[24] Ara a fol 33 tal-proċess
[25] Ara a fol 33 tal-proċess

tiegħu, u li l-kwistjoni kienet għaliex tfal oħra seta' jkollhom aċċess għall-*internet* bil-*mobile* mill-kamra tagħhom u hu ma setgħax;

**Giovanna Antida Gatt** tixhed fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2025[26] li taħdem fir-residenza li tieħu ħsieb subien ġewwa Ħad-Dingli, u li din ir-residenza nfetħet ġimgħa qabel. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tispjega li kienet *night shift* fir-residenza, u t-tfal kienu qiegħdin isfel bħas-soltu, u għall-ħabta tat-tmienja u nofs kien hemm ċertu OMISSIS li qalilhom li kien tiela' fuq bit-*tablet* minkejja li kien jaf li dan ma kienx permess. Ix-xhud tkompli tispjega li baqa' tiela' fuq, u bdew jippruvaw jgħidulu biex ma jitlax fuq, iżda hu injorahom u baqa' tiela' fuq, u tgħid li huma avżawh li kienu ser jitfu l-*Wi-Fi* minħabba li m'obdiex (li tispjega li hija prassi ma t-tfal ma jsegwux ir-regolamenti tad-dar), pero' wara li tawh ċans biex forsi jbiddel fehmtu u jerġa' jinżel, baqa' ma niżilx u għalhekk tfew il-*Wi-Fi*. Ix-xhud tkompli tispjega li ftit wara r-residenti l-oħra bdew igergru għax intefa' l-*Wi-Fi*, u kien hemm il-Pulizija magħhom li tela' fuq biex jipprova jikkonvinċih biex jinżel għaliex "***ma kienx* fair *għall-oħrajn li nitfu l-*Wi-Fi**". Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tispjega li bħala *care workers* kienu hi u żewġ kollegi tagħha bl-isem ta' Lucille Pace u Bessy Simler, u barra minn OMISSIS, kien hemm residenti wkoll OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS, u **f'dan l-istadju x-xhud tindika lil OMISSIS bħala l-imputat preżenti fl-awla**.

Rigward il-Pulizija li kien hemm preżenti, x-xhud tistqarr li ma kienitx taf x'jismu iżda tafu bin-numru tiegħu, iżda ma ssemmix dan in-numru, u tistqarr ukoll li huma jsejjħu lill-Pulizija bħala *Sir* biss u mhux b'isimhom. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tikkonferma li dan l-inċident seħħ minħabba l-*internet* għax hu tela' fuq fil-kamra tiegħu, u tispjega li wara dan, il-Pulizija tela' fuq għaliex semgħu il-bieb tal-kamra tal-imputat jinstabat, u ftit wara l-Pulizija niżel flimkien mal-imputat, u dak il-ħin l-imputat mar mal-ewwel għar-*router* tal-*Wi-Fi*, "***u ċarrtu minn mal-ħajt bil-plakka biex jieħdu hu***"[27]. Ix-xhud tkompli tispjega li hemmhekk qam il-Pulizija u beda jgħid lill-imputat li mhux suppost jagħmel hekk, ħallih hemmhekk, u x-xhud marret biex toħodlu r-*router* ukoll, u rnexxielha toħodulu, u sakkret ir-*router* fil-kamra tal-banju, u fil-frattemp, tgħid li l-

[26] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 40 *et seq* tal-proċess
[27] Ara a fol 43 tal-proċess

imputat qaleb lill-Pulizija mal-art u ntefa' fuqu u beda jagħti bil-ponn, u waħda mill-kollegi tax-xhud (li tidentifikaha bħala Sebastiana Simler) indunat li kien ser jigdmu, u dak il-ħin intervjeniet biex twaqqfu. Ix-xhud tkompli tispjega li mbagħad reġgħu qamu, u l-kollega l-oħra Lucille Pace marret tipprova ċċempel meta raw li s-sitwazzjoni kienet qed teskala, u hekk kif qamu, l-imputat ta s-salt biex imur fl-uffiċċju peress li skontha ħaseb li r-*router* kien qiegħed hemmhekk. Ix-xhud tgħid li marru warajh flimkien mal-Pulizija fl-uffiċċju, u l-Pulizija mar biex jgħid lill-imputat biex joħroġ bil-kelma t-tajba, pero' rrifjuta, u reġgħu inqalbu mal-art u l-Pulizija pprova joħroġ il-manetti biex jagħmilhomlu iżda ma rnexxilux. Ix-xhud tkompli tispjega li sadanittant għaddew madwar ħamsa u ħamsin minuta, u l-Pulizija rnexxielu jillokkja lill-imputat b'saqajh, u żammu mal-ħajt sakemm ġew il-Pulizija u l-Ispettur fuq il-post. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tiddeskrivi l-imġiba tal-imputat bħala waħda "***xejn tajba***"[28], aggressiva ħafna, tant li "***ma tkunx tista' tikkontrollah u tipprova tfehmu bil-kelma t-tajba***"[29], u tispjega li l-Pulizija pprova l-ħin kollu jfiehem lill-imputat, jieħu ħafna paċenzja bih "***u tah ċans għax ħaseb li ser joqgħod.***"[30]

Tispjega li malli ħallih, reġa' ħarab lejn l-uffiċċju, pero' t-tieni darba li pprova jagħmel hekk, il-Pulizija ma ħallihx, iżda imbagħad tikkorreġi lilha nnifisha u tgħid li mat-tielet darba, l-Pulizija waqqfu u qallu "***issa le ħa tibqa' f'idejja qallu għax id-darbtejn li ħallejtek tlaqt***"[31]. In kontro-eżami, ix-xhud tikkonferma li l-kwistjoniinizjalment bdiet għaliex l-imputat ried jitla' fuq bit-*tablet* tiegħu, u fuq domanda tad-Difiża, ix-xhud tistqarr li ma tistax tgħid b'ċertezza li l-ebda wieħed mit-tfal l-oħra ma jitla' fuq bit-*tablet*, u meta mistoqsija għalfejn, ix-xhud tispjega li l-imputat kellu regola li ma jitlax bit-*tablet* fil-kamra tiegħu u kellu aċċess ta' 14-il siegħa għall-*internet*, u tikkonferma li din ir-regola kienet fil-konfront tal-imputat biss u mhux fil-konfront tat-tfal l-oħra;

**Lucia Pace, *Support Worker*** tixhed fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2025[32] li r-residenza ta' Ħad-Dingli hija dar taż-żgħażagħ tal-Appoġġ. Ix-xhud tispjega li l-inċident seħħ fl-10 ta'

---

[28] Ara a fol 45 tal-proċess
[29] Ara a fol 45 tal-proċess
[30] Ara a fol 45 tal-proċess
[31] Ara a fol 45 tal-proċess
[32] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 47 *et seq* tal-proċess

Jannar 2025 u li kienet flimkien mal-kollegi tagħha Antida u Bessy. Rigward l-akkadut, ix-xhud tkompli tispjega li kif beda x-*shift* tagħha kien kollox normali għall-bidu, iżda għall-ħabta tat-tmienja u nofs wieħed mit-tfal, ċertu OMISSIS, li kien bit-*tablet* fuq il-pultruna, qabad u tela' fuq, u waħda mir-regoli hija li ma jistax jitla' fuq bit-*tablet*. Tgħid li huma avżawh li ma jistax jitla' bit-*tablet* u jrid jibqa' isfel, għax inkella jintefa' l-*internet*, iżda OMISSIS injorahom u baqa' tiela' fuq, u għalhekk tfew l-*internet*. Ix-xhud tgħid ukoll li OMISSIS sabbat il-bieb x'ħin tela' fil-kamra, u ħarġu t-tfal l-oħra jgergru għax ma kienx hemm *internet* u biex jaraw x'ġara. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud iżżid li flimkien ma' OMISSIS, kien residenti wkoll ċertu Denzel, Tyron u Kai. **F'dan l-istadju x-xhud tindika lil OMISSIS bħala l-imputat preżenti fl-awla**.

Wara li l-imputat sabbat il-bieb, ix-xhud tispjega li l-Pulizija tela' biex jgħidlu jinżel biex it-tfal l-oħra ma jkomplux igergru minħabba l-*internet*, u jkun jista' jerġa' jinxtegħel, u meta l-imputat niżel qabad u qala' r-*router* tal-*internet* biex skont ix-xhud jieħdu fil-kamra tiegħu. Tgħid li huma bdew ikellmuh għaliex ried li jkellem lil Natasha (li x-xhud tidentifika bħala l-*leader* tagħhom) fuq l-*internet*, u wara li ppruvaw ikellmuh bil-kelma t-tajba biex itihulhom u jerġa' joqgħod kwiet bħalma kien għax kellu sal-għaxra u nofs bit-*tablet*, l-imputat irrifjuta, u mbotta lill-Pulizija PC 748 u weġġgħu u tgħid li bdew jiġġieldu fuq is-sufan, u hemmhekk ix-xhud marret tiġri ċċempel lill-Pulizija għall-għajnuna fuq in-numru 112. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tispjega li jkun hemm il-Pulizija preżenti fir-residenza "***minħabba OMISSIS għaliex hu aggressiv***"[33]. Dwar dak li seħħ bejn l-imputat u l-Pulizija, ix-xhud tgħid li l-ewwel bdew jinqalbu ħafna mal-art u fuq is-sufan għax beda jipprova jżommu, u l-kollega tagħha Antida ħaditlu r-*router* lill-imputat, u dak il-ħin ix-xhud marret iċċempel lill-Pulizija. Tgħid li mill-uffiċċju biex tisma' l-kollega tagħha l-oħra Bessy tgħid "***Ara ħa jigdmek, ara ħa jigdmek sir***"[34] iżda tistqarr li peress li marret fl-uffiċċju, dik il-parti ma rathiex. Tispjega li mbagħad ħarġu fil-kuritur u kien għadda l-ħin fil-frattemp, u ħin minnhom reġa' qaleb lill-Pulizija mal-art fil-kuritur u kien ser "***jifqagħlu rasu mat-taraġ***"[35] u beda jross ras il-Pulizija mal-art, u dak il-ħin ix-xhud intervjeniet biex tneħħih minn fuq il-Pulizija u mbagħad qabdu fil-kantuniera u żammu hemm u kien ser

[33] Ara a fol 50 tal-proċess
[34] Ara a fol 50 tal-proċess
[35] Ara a fol 51 tal-proċess

jaħrabilhom, iżda l-imputat sab il-bieb magħluq u hemmhekk il-Pulizija qabdu wara xi ħamsa u ħamsin minuta li damu jikkombattu bejniethom fil-kantuniera ħdejn il-bieb. Mistoqsija jekk kienx hemm xi ġrieħi fuq l-imputat u fuq il-Pulizija, ix-xhud tispjega li ma setgħet tinnota xejn fuq l-imputat pero' tgħid li seta' laqat xufftejh għaliex kellu xi demm ma' xufftejh, u tgħid li taħseb li l-Pulizija kellu xi ġrieħi għaliex x'ħin sabbtu mal-art kienet ċerta li l-Pulizija weġġa' wiċċu, u żżid li qala' xi daqqa f'wiċċu meta ħin minnhom l-imputat beda jrosslu rasu mal-art. Tgħid ukoll li meta marret tintervjeni, taħseb li dak il-ħin weġġgħu għax sabbat lill-Pulizija mal-art quddiem it-taraġ.

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud tiddeskrivi l-imġiba tal-imputat bħala "***naqra aggressiva, aggressiva ħafna anzi, għax anke l-way kif jgħajjat ibeżżgħek***"[36]. In kontro-eżami, meta kien issuġġerit li dan l-inċident kien jiċċentra dwar ir-*router* u dwar l-aċċess għall-internet, u li wieħed ipprova jieħu r-*router* u l-ieħor ipprova jżommu milli jagħmel hekk, ix-xhud tgħid li waħda mill-kolleġi tagħha bdiet tipprova biex ma jkissirx ir-*router*, u tgħid li l-imputat kellu wkoll it-*tablet* f'idejh, u tikkonferma li l-inċident kien fuq ir-*router* u l-aċċess għall-*internet*, u tikkonferma wkoll li l-Pulizija pprova jieħu t-*tablet* lura mingħand l-imputat. Tispjega li l-imputat daħlilhom fl-uffiċċju biex ifittex ir-*router* u reġa' ntervjena l-Pulizija biex iżommu, għax il-Pulizija beża' li kien ser iweġġa' lilhom ukoll, u tgħid ukoll li l-Pulizija pprova joħroġ lill-imputat, u x'ħin waqgħu mal-art u beda jrosslu rasu mal-art, il-Pulizija pprova jimmanetOMISSISa lill-imputat pero' ma setgħax;

**Sebastiana Simler, *Care Worker*** tixhed fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2025[37] li taħdem bħala *care worker* mal-Appoġġ fir-residenza ta' Ħad-Dingli, u tispjega li madwar ġimgħatejn qabel ix-xhieda tagħha seħħ l-inċident u kienet xogħol flimkien ma' żewġ kollegi tagħha Lucille u Antida. Rigward l-inċident ix-xhud tispjega li għall-ħabta tat-tmienja u nofs, wara li bdew ix-*shift* tagħhom fis-sebgħa, OMISSIS kien qiegħed bil-qiegħda bil-kwiet bit-*tablet*, u ħin minnhom qam u tela' fuq. Dak il-ħin ix-xhud tispjega li hi u l-*workers* l-oħra qalulu li ma jistax jitla' fuq għax ir-regoli ma jippermettux li jitla' fuq, pero' baqa' fuq, u tgħid li ma kkalkulhomx.

---

[36] Ara a fol 51 tal-proċess
[37] Ara x-xhieda tagħha a fol 54 *et seq* tal-proċess

Tispjega li l-Pulizija li beda jkellmu bil-kelma t-tajba biex jinżel, u filwaqt li t-tfal l-oħra niżlu, hu baqa' ma niżilx, u t-tfal bdew jirrabjaw għax intefa' l-*internet*. It-tfal l-oħra tidentifikahom bħala OMISSIS, Tyron Zammit u Kai OMISSIS, li niżlu jirrabjaw, u ħin minnhom niżel OMISSIS ukoll u mar dirett għar-*router* tal-*Wi-Fi*. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, filwaqt li tikkonferma li tela' l-Pulizija wara OMISSIS, tistqarr li ma kienitx preżenti għal dak li kien għaddej fuq dak il-ħin. Wara li niżel u mar għar-*router* ix-xhud tkompli tispjega li bdew jgħidulu biex jieqaf u jtihom ir-*router*, pero' rrifjuta, u l-Pulizija wkoll ipprova jkellmu bil-kelma t-tajba, iżda injorahom. Tgħid li f'daqqa waħda "***intefa' mal-art, il-Pulizija imbuttah***"[38] u eventwalment il-*workers* l-oħrajn irnexxielhom jeħdulu r-*router*, u tgħid li minn hemmhekk bdew il-battibekki. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tikkjarafika li l-Pulizija kien spiċċa mal-art wara li OMISSIS imbuttah, u **f'dan l-istadju x-xhud tindika lil OMISSIS bħala l-imputat preżenti fl-awla**.

Tkompli tispjega li sa fejn setgħet tara hi kemm hemm il-battibekki bejn l-imputat u l-Pulizija u l-istess Pulizija pprova jżommu u jkellmu bil-kelma t-tajba u x-xhud stess bdiet titolbu jieqaf, iżda l-imputat "***ma bediex jismagħna, ġie bla kontroll***"[39]. Tgħid li l-imputat u l-Pulizija kienu qegħdin fuq is-sufan bil-Pulizija jipprova jżommu u dan sabiex jipprova jikkalmah, pero' ħin minnhom l-imputat kien se jipprova jigdem lill-Pulizija u x-xhud ressqet ras l-imputat u ġibdet id il-Pulizija, u tgħid li dan l-inċident dam għaddej għal madwar ħamsa u ħamsin minuta, u hi ċemplet għall-għajnuna. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud tispjega li ma baqgħux fl-istess post matul dan l-inċident, bl-imputat jidħol fl-i*staff room* biex jara fejn kien ir-*router*, pero' tistqarr li s'hemmhekk taf, u tgħid li taf li l-Pulizija l-ħin kollu kien qed jipprova jikkalma lill-imputat iżda kien għalxejn. Mistoqsija jekk kienx hemmx xi diskors fil-konfront ta' ħaddieħor apparti l-Pulizija, tgħid li kull ma semgħet kien li l-Pulizija kien qed jipprova jżomm lill-imputat u kien qed jgħidlu biex jieqaf, u anke x-xhud u l-kollegi tagħha ppruvaw ikellmuh bil-kelma t-tajba, imma tistqarr li kellha tieqaf u toħroġ barra biex iċċempel għall-għajnuna. In kontro-eżami, mistqosija jekk l-inċident kienx dejjem kienu jikkonċernaw ir-*router* u l-aċċess għall-*internet* tal-imputat, ix-xhud twieġeb li l-battibekki msemmija fix-xhieda tagħha kienu minħabba r-*router*;

[38] Ara a fol 57 tal-proċess
[39] Ara a fol 58 tal-proċess

**PS 1236 Joseph Gatt** jixhed fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025[40] u jikkonferma li Dok SM2 huwa r-rapport imħejji minnu stess u jispjega li kien is-Surġent tal-Għassa ta' bil-lejl fl-10 ta' Jannar 2025, u kienu infurmati li kien hemm minuri li kien ħebb għal persuna ġewwa Ħad-Dingli, u marru fuq il-post, u ċioe' *Home* tal-Appoġġ like kienet għadha kemm imxiet mnn Birkirkara għal Ħad-Dingli, u jgħid li dakinhar stess li fetħet kien hemm argument bejn Mohammed OMISSIS, **li x-xhud jidentifika bħala l-imputat preżenti fl-awla**, u l-kuntistabbli Nathan Ciappara li kien għassa ġewwa l-*Home* hekk kif indikat fl-okkorrenza. Jispjega li meta marru fuq il-post l-argument kien waqaf u l-Pulizija kien midrub u l-aggressur kien bil-qiegħda fuq sufan, u x-xhud kellem lil *Care Worker* u r-residenti l-oħra sabiex jara x'ġara bħala xhieda. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jispjega li minn dak li qalulu x-xhieda l-inċident kien inqala' minħabba kwistjonifuq l-*internet*, iżda peress li l-imputat beda jagħmel il-ħsara fuq il-*Home* u l-Pulizija intervjena sabiex iwaqqfu milli jagħmel il-ħsara, spiċċa vittma tal-aggressjoni. In kontro-eżami, x-xhud jikkonferma li l-informazzjoni li kellu kienet dik li ġabar mix-xhieda għaliex meta wasal fuq il-post kien ikkalma kollox;

**L-Ispettur Sarah Magri** tixhed fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025[41], li tispjega li fl-10 ta' Jannar 2025 kienet *night patrol* u bdiet xogħol mit-20:00hrs u waqt li kienet qed tagħmel ir-ronda tas-soltu, ix-xhud, is-Surġent li kien għadu kemm xehed qabilha u x-xufier li kellhom magħhom kienu infurmati li nqala' argument fir-residenza ġewwa Ħad-Dingli fi Triq Sir William Reid wara li l-istess residenza kienet imxiet minn Birkirkara, u daħlitilhom informazzjoni li kien weġġa' tifel, u tgħid li meta marru sabu lill-*carers* qed jistennew u għamlulhom sinjal biex juruhom fejn iridu jmorru. Ix-xhud tispjega li malli daħlet sabet lil Giovanna Antida Gatt, Lucia Pace u Sebastiana Simler li dak il-ħin kienu qiegħdin xogħol jieħdu ħsieb dak li kien għaddej fir-residenza, u kien hemm ukoll il-Pulizija 748 Nathan Ciappara li kien *on duty* dakinhar, li kien jidher "***naqra qisu aġitat, imbeżża'***"[42] u meta staqsewh x'ġara qalilhom li kien hemm konfront ma' OMISSIS, **li x-xhud tidentifika bħala l-imputat preżenti fl-awla**.

---

[40] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 64 *et seq* tal-proċess
[41] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 67 *et seq* tal-proċess
[42] Ara a fol 68 tal-proċess

Ix-xhud tispjega li ma kienitx għadha taf min kienu r-residenti l-oħra f'din il-*Home* pero' skoprew l-imputat kien wieħed minnhom u setgħet tinnota b'mod ċar li kellu demm magħqud f'idejh u qaltlu jmur il-klinika u biex iħalli f'idejha dwar min kien ser ikun hemm preżenti fir-residenza peress li għandu jkun hemm Pulizija stazzjonat fiha. Ix-xhud tkompli tispjega li l-Pulizija stqarr magħha li l-inċident inqala' peress li hemm xi regolamenti imposti mill-*carers* tar-residenza fuq l-*internet* u l-imputat beda jirrifjuta li jibqa' isfel minħabba l-*internet* u ried imur fuq fil-kamra tiegħu fl-ewwel sular. Tgħid li spjegalha li kien hemm residenti oħra f'din ir-residenza u l-*carers* avżaw lill-imputat li jekk ma jobdi l-ordnijiet tagħhom kienu ser jaqtgħu l-*internet* għal kulħadd u għalhekk kien ser ibati kulħadd, u l-Pulizija qallu biex jinżel isfel biex jitranġaw l-affarijiet, iżda kien għalxejn u l-imputat issuppervja u sabbat il-bieb tal-kamra tas-sodda tiegħu. Il-Pulizija kompla jistqarr max-xhud li eventwalment l-imputat niżel isfel u żżid li hemm filmati tal-*body cam* tal-Pulizija, li minnhom l-imputat jidher li kien aggressiv lejn il-*carers* u beda jgħajjat u jirrispondihom, kif ukoll juri nuqqas ta' rispett lejhom.

Tgħid li l-Pulizija pprova jikkalmah u qallu "***sa ftit minuti ilu ma konniex kalmi?***"[43], li x-xhud tispjega li jirriżulta mill-filmati tal-*body cam*. Ix-xhud tkompli tispjega kif l-affarijiet bdew jeskalaw tant li ħin minnhom ittir il-*body cam* minn fuq il-Pulizija u spiċċat mal-art, u tispjega li jidher is-saqaf u nies mexjin maġenbha u anke l-*carers* qabduha biex jaraw jekk kienitx għadha qed tirrekordja għax jinstemgħu jgħidu "***għadha għaddejja?***"[44]. Ix-xhud tispjega li min-naħa tagħha bagħtet lill-kuntistabbli għal ċertifikat mediku u dak il-ħin l-imputat ma deherx li kellu ġrieħi fuqu, li kien kalm u bil-qiegħda fuq is-sufan u ma bediex jikkomunika magħhom u meta x-xhud staqsietu x'ġara ma weġibx. Iżżid tgħid li meta nnutat li l-Pulizija kien imweġġa' infurmat lill-imputat li kien taħt arrest u infurmatu wkoll bid-drittijiet legali tiegħu inkluż tal-Avukat, pero' l-imputat baqa' sieket. Ix-xhud tispjega li flimkien magħhom kien hemm il-Pulizija tal-*RIU* għall-assistenza, u tikkonferma li l-inċident seħħ fl-10 ta' Jannar 2025 u ħadet l-istqarrija tal-imputat l-għada l-11 ta' Jannar 2025 fil-presenza ta' wieħed mill-*carers* tar-residenza ċertu Kyle Adriani, u kien assistit matul l-Istqarrija. Iżżid li l-ġurnata ta' qabel kien talab għall-assistenza

---

[43] Ara a fol 68 tal-proċess
[44] Ara a fol 68 tal-proċess

legali minn Avukat tal-Għajnuna Legali, u kellmu għal parir legali. F'dan l-istadju x-xhud tagħraf l-Istqarrija esebita bħala Dok SM3 u tagħraf il-firem tagħha, tal-imputat, tal-*carer* li kien hemm miegħu u ta' PS 1127. Ix-xhud tispjega wkoll illi qabel mal-imputat kien arrestat infurmat lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Lara Lanfranco bl-arrest u li dan sar għall-ħabta tad-21:30hrs, u tispjega li kien ser jeċċedi s-sitt sigħat u ingħatat l-awtorizzazzjoni sabiex jibqa' arrestat.

Tispjega wkoll li qabel ma mar il-klinika, l-Pulizija qal lix-xhud li seta' laqat lill-imputat waqt l-inċident peress li sar fiżiku, u tat struzzjonijiet sabiex l-imputat jittieħed fi klinika għal ċertifikat mediku li kien esebit mix-xhud Dok SMA2, liema ċertifikat jindika li ma kellux ġrieħi iżda qal li kellu xi uġigħ f'irkopptu, u dan wara li esebiet in-nota rigward l-arrest tal-imputat immarkata bħala Dok SMA1. Ix-xhud tkompli tispjega li l-Pulizija għaddielha żewġ ċertifikati li għarfet bħala Dok NC1 u Dok NC2, b'Dok NC1 datat l-10 ta' Jannar 2025 li minnu jirriżulta li l-Pulizija sofra ġrieħi ħfief, u Dok NC2 datat it-13 ta' Jannar 2025 rigward l-iżvolġiment tal-ġrieħi li kellu, iżda l-ġrieħi baqgħu ta' natura ħafifa. Ix-xhud tispjega wkoll li meta ttieħed l-i*statement* tiegħu, l-imputat għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda pero' għażel li jiffirma l-Istqarrija, u peress li kien hemm filmat tal-*body cam* tal-akkadut ix-xhud tgħid li talbet sabiex dan ikun esebit bħala prova ta' dak li seħħ, liema filmat kien esebit fl-atti bħala Dok NC3.

In kontro-eżami, ix-xhud li hekk kif waslet fuq il-post l-imputat kien qiegħed bil-qiegħda fuq is-sufan u kien kwiet, u tispjega li milli setgħet tara u tisma' hi, hi kienet l-aħħar waħda li waslet fuq il-post, u li dak il-ħin rat lill-Pulizija li kien ixxukkjat, rat lill-imputat bil-qiegħda, li deher li kellu ċertu rabja fuqu, u li "***kien qisu supperv lejn dak li jkun***"[45], iżda tistqarr li mill-inċident ta' bejniethom ma kienet rat xejn. Tgħid li taf huwa minn dak li qalulha l-Pulizija u l-*carers* qabel u semmewlha li kien resident ieħor li l-imputat qallu biex ma jindaħalx għax mar jgħin lill-Pulizija biex jifridhom minn ma' xulxin. Dwar ir-regolamenti tal-*Home*, ix-xhud tispjega li dawn jagħmluhom tal-*Home* u l-Pulizija jkunu qiegħdin hemm biss biex iżommu l-bon ordni, pero' żżid tgħid li minn dak li qalulha kien

[45] Ara a fol 70 tal-proċess

hemm regola li l-*internet* jintuża biss fis-sular ta' isfel u l-imputat ma jistax jużah fil-kamra;

**Il-minuri OMISSIS** jixhed permezz tal-*videolink* fil-preżenza ta' *Social Worker* fis-seduta tal-20 ta' Frar 2025[46], u wara li kien mgħarraf minn din il-Qorti dwar x'inhu ġurament u l-importanza tiegħu, ix-xhud jispjega li huwa jirrisjedi fl-indirizz 16/7, Triq Sir William Reid, Ħad-Dingli flimkien ma' OMISSIS OMISSIS, OMISSIS, il-*carers* u Kai, u **f'dan l-istadju x-xhud jidentifika lil OMISSISpreżenti fl-awla**. Jgħid li dakinhar tal-10 ta' Jannar 2025 ix-xhud kien qiegħed il-*Home* fil-kamra tiegħu bil-*mobile* u ħin minnhom ġie OMISSIS li qallu li OMISSIS għandu *tantrum*, u x-xhud niżel biex jara x'kien qed jiġri u jara li OMISSIS kien qabad lill-Pulizija taħt idejh, b'ras il-Pulizija tkun bejn idejn OMISSIS minn taħt u l-Pulizija jipprova jirreżisti biex joqgħod taħt idejh. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jispjega li t-*tantrum* ta' OMISSIS bdiet minħabba li tela' fuq bit-*tablet* meta mhux suppost u l-*carers* qalulu biex jinżel isfel għax inkella jitfu l-*Wi-Fi*, u niżel, u beda jkun aggressiv mal-Pulizija u niżlu x-xhud u OMISSIS.

Rigward dak li sema' x-xhud jistqarr li ma semgħax wisq għax niżel mal-ewwel pero' jikkonferma li ra lil OMISSIS iżomm lill-Pulizija, u jispjega li aktar tard, il-Pulizija pprova jimmanetOMISSISa lil OMISSIS u Mohammed beda jgħatti għajnejh għax ħaseb li kien ser jagħmillu l-*pepper spray*. Jistqarr pero' li ma setgħax jiftakar x'kien għaddej bejn il-Pulizija u OMISSIS, iżda jispjega li daħal bejniethom wara li mexa wara OMISSIS u beda jħares lejn OMISSIS u ħin minnhom l-istess OMISSIS tah daqqa ta' ponn f'rasu u x-xhud imbuttah, u jispjega li qishom ġew fl-idejn imma ftit damu u sseparawhom OMISSIS u l-Pulizija.

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni jistqarr li ma jafx kemm dam l-inċident, pero' jgħid li kien qisu bejn it-20:00hrs u d-21:00hrs, u jammetti li waqt li kienu fl-idejn, ix-xhud offenda tnejn lil OMISSIS u OMISSIS stess ma kienx ċert jekk offendihx ukoll pero' jikkonferma li tah daqqa fuq rasu. Ix-xhud jikkonferma wkoll li ma xtaqtx jagħmel ċertifikat mediku għaliex ma riedx li jittieħdu passi fil-konfront ta' OMISSIS. Ix-xhud jispjega li wara dan,

[46] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 75A *et seq* tal-proċess

ġew il-Pulizija ta' Ħad-Dingli jew tal-Mosta li waqfu u għamlu *search* fuq OMISSIS, arrestawh u telaq magħhom. In kontro-eżami x-xhud jikkonferma li sakemm niżel il-kwistjonikienet bejn OMISSISu l-*carers*;

**Il-minuri OMISSIS (Tyron Joseph) Zammit** jixhed permezz tal-*videolink* fil-preżenza ta' *Social Worker* fis-seduta tal-20 ta' Frar 2025[47], li wara li din il-Qorti fehmet lix-xhud x'jiġifieri ġurament, jispjega li jgħix ġewwa Ħad-Dingli f'*residential home* flimkien ma' Kai, OMISSISu OMISSIS, u **f'dan l-istadju x-xhud jindika lil OMISSIS bħala l-imputat preżenti fl-awla**. Ix-xhud jispjega li fil-*moving day* li jgħid li seħħet fil-bidu ta' Jannar 2025 inqalgħet kommossjoni fil-għaxija (*evening*) u kienu fis-salott hu u l-imputat, iżda ma jiftakarx min kien hemm iżjed. Ix-xhud jgħid li kien fuq il-*mobile* jagħmel storja fuq *TikTok* u l-imputat tela' fuq, u l-Pulizija mar ikellmu. Jispjega li waħda mill-*carers* Lucille tfiet il-*Wi-Fi* u l-imputat niżel isfel biex jieħu r-*router* tal-*Wi-Fi* u jikkonferma li dan ġara għaliex intefa' l-*internet* u l-Pulizija tela' jkellmu, u jikkonferma wkoll li l-imputat ma jistax itella' t-*tablet* fuq. Ix-xhud jispjega li l-Pulizija tela' jkellem lill-imputat bil-kelma t-tajba biex jinżel biex ma jintefiex il-*Wi-Fi* , u wara dan l-imputat niżel u ħataf ir-*router* tal-*internet*, u hekk kif għamel hekk il-Pulizija mar ħdejh biex jeħodlu r-*router* lura.

Ix-xhud jiftakar li kien hemm il-Pulizija mal-art u l-imputat kien fuqu u beda jżommlu rasu mal-art u dak il-ħin ix-xhud u OMISSISimbuttaw lill-imputat u jikkonferma li qalgħuh minn fuq il-Pulizija, li kien wiċċu 'l isfel u l-imputat kien bil-wieqfa qed iżommlu rasu b'idejh mal-art u beda jimbuttalu rasu, u jikkonferma li l-imputat għamel il-forza. Ix-xhud ikompli jispjega li l-Pulizija reġa' pprova jwaqqaf lill-imputat milli jkompli jżommlu rasu, u jżommu, u l-imputat irrabja iżjed dak il-ħin. Jispjega li l-imputat beda jgħajjat u l-Pulizija jipprova jikkalmah bil-kelma t-tajba u baqa' kalm il-ħin kollu, iżda jistqarr li ma jiftakarx aktar minn hekk.

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jispjega li l-*carers* Lucille, Antida u Bessie kienu xogħol dak il-ħin, u mistoqsi x'għamlu, x-xhud wieġeb li kienu isfel iżda aktar minn hekk ma kienx jaf. Iżid pero' li waħda minnhom għal xi raġuni ħarġet barra f'mument minnhom,

[47] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 75I *et seq* tal-proċess

u t-tnejn l-oħra baqgħu hemm biex jipprovaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jispjega li dan l-inċident seħħ fis-salott u ħdejn it-taraġ fis-sular terran, u min-naħa tiegħu jikkonferma li hu ma sofra l-ebda ġrieħi u jistqarr li dak il-ħin ma setgħax jara jekk ħaddieħor sofriex xi ġrieħi, pero' wara jiċċekkjaw il-Pulizija li kien weġġa' iżda ma kienx ċert x'kellu, u kien jaf b'dan għax il-Pulizija kien ġie darb' oħra. In kontro-eżami ix-xhud jikkonferma li dan l-inċident seħħ minħabba l-*internet*, ir-*router* u drittijiet li għandu l-imputat għall-użu tal-*internet*, u li l-kwistjonibdiet minħabba r-*router*, l-*internet* u *l-Wi-Fi*;

**It-Tabib Dr. Ramon Scerri** jixhed fis-seduta tas-27 ta' Frar 2025[48], li wara li ntwera ċertifikat a fol 37 tal-proċess esebit bħala Dok NC1, jagħrfu bħala ċertifikat li ħareġ hu fuq ċertu Nathan Ciappara, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0081094 nhar l-10 ta' Jannar 2025 fl-22:00hrs ġewwa l-Mosta Health Centre, u jispjega li kellu grif fid-dirgħajn tax-xellug u xi grif ieħor fuq il-polz tal-lemin, u jikkonferma li kklasifika ġrieħi bħala tali ta' natura ħafifa. Ix-xhud jikkonferma li minn wara dakinhar ma reġax invista lil Nathan Ciappara;

**It-Tabib Dr. Mario Scerri** jixhed fis-seduta tas-27 ta' Frar 2025[49], li wara kien eżentat minn kwalunkwe sigriet professjonali jispjega li kien invista lil PC 748 Nathan Ciappara, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 81094M nhar it-13 ta' Jannar 2025, li kkonsulta max-xhud wara li allegatament kien involut f'inċident vjolenti fl-10 ta' Jannar 2025. Ix-xhud jispjega li kellu abrażjoni fuq l-id ix-xellugija fuq il-parti t'isfel, abrażjoni oħra fuq l-aspett dorsali u ċioe' n-naħa ta' wara tal-pala tal-id il-leminija, nefħa fuq in-naħa tal-lemin tal-wiċċ, nefħa fuq il-parti t'isfel tal-ewwel seba tal-id ix-xellugija, u abrażjonijiet fuq l-irkupptejn, li x-xhud jispjega huma kompatibbli ma' *blunt trauma* u huma kollha ta' natura ħafifa. In kontro-eżami, x-xhud jispjega li xogħlu kien biss eżaminazzjoni u r-rilaxx ta' ċertifikat mediku, li għalhekk ma jinkludix dak li seta' kkaġuna dawn il-ġrieħi. Jistqarr li minkejja li PC 748 qallu li kien involut f'inċident vjolenti, ma kienx jaf x'seta' kkaġuna dawn il-ġrieħi, u hu kien sempliċiment eżaminah, elenkalu l-leżjonijiet, u kkummenta fuqhom. Jikkonferma pero' li l-ġrieħi sofferti kienu kompatibbli ma' *blunt trauma*. In ri-

---

[48] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 86 *et seq* tal-proċess
[49] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 88 *et seq* tal-proċess

eżami, ix-xhud jikkonferma li d-dokument a fol 38 tal-proċess huwa ċ-ċertifikat mediku maħruġ minnu, bil-paġna ta' quddiem u wara tal-istess dokument;

**Ms. Remenda Grech, Direttriċi tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)** tixhed fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2025[50] *ai fini* tat-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest, liema talba kienet miċħuda permezz ta' digriet mogħti fl-istess seduta[51];

**Id-Deputat Reġistratur Iamin Guarracino għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali** jixhed fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2025[52], li ppreżenta vera kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Christian Cauchi) v. OMISSIS OMISSIS**[53], deċiża mill-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien nhar id-9 ta' Jannar 2025, u jikkonferma li din is-sentenza ma kienitx appellata u t-terminu tal-Appell kien għadda;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tat-3 ta' April 2025;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li l-kawża odjerna kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat jinsab mixli talli ġewwa Triq Sir William Reid, Dingli, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fl-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), bejn it-tmienja (20:00) u d-disgħa u nofs (21:30) ta' bil-lejl:

---

[50] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 95 *et seq* tal-proċess
[51] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 93 *et seq* tal-proċess
[52] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol *et seq* tal-proċess
[53] Kumpilazzjoni Nru. 471/2024

1. Inġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku, u dan tal-Kuntistabbli (PC) 748 Nathan Ciappara, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, attakka jew jagħmel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Ramon Scerri Med. No. 1986;

3. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Nathan Ciappara u/jew persuni oħra;

4. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra persuna, OMISSIS Busuttil, sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

5. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, inġurja jew hedded mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Giovanna Antida Gatt, Lucia Pace, Sebastiana Simler, OMISSIS Busuttil, Nathan Ciappara u/jew lil persuni oħra;

6. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi inqast li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PC 748 Nathan Ciappara, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

7. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi għamilt reat ieħor wara li kont ġejt ikkundannat għal reat b'żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Critien LL.D., datata d-9 ta' Jannar 2025, liema sentenzi huma definittivi, b'hekk ġibt ruħek reċidiv;

8. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi waqt ordni ta' probation għal tlett snin, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Critien LL.D., datata d-9 ta' Jannar 2025, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, waqt ordni ta' probation għal tlett snin, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Critien LL.D., datata d-9 ta' Jannar 2025 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet, jirriżulta li l-inċident li wassal għal dawn il-proċeduri jiċċentra fuq kwistjonili nqalgħet nhar l-10 ta' Jannar 2025 bejn it-20:00hrs u d-21:30hrs wara li l-imputat naqas milli jaderixxi mar-regoli tar-residenza li jgħix fiha ġewwa Ħad-Dingli, senjatament dik li l-imputat ma jistax jitla' bit-*tablet* fil-kamra tiegħu, bir-riżultat li ntefa' l-*internet* għar-residenti kollha, u wara li kien mitkellem minn PC 748 Nathan Ciappara bil-kelma t-tajba, niżel isfel u qala' r-*router* tal-*internet* u minn hemm beda l-inċident li wassal sabiex PC 748 Nathan Ciappara sofra ġrieħi ta' natura ħafifa li kienu ċċertifikati bħala tali minn Dr. Ramon Scerri[54] u Dr. Mario Scerri[55], li xehdu u kkonfermaw il-kontenut tagħhom bil-ġurament. Il-Qorti tosserva li x-xhud prinċipali f'dawn il-proċeduri kien l-istess PC 748 Nathan Ciappara li spjega l-akkadut fid-dettall, bil-verżjoni tiegħu tkun korroborata mix-xhieda okulari, senjatament il-*carers* Giovanna Antida Gatt, Lucia (Lucille) Pace u Sebastiana Simler, kif ukoll il-minuri OMISSIS u Tyron Joseph (OMISSIS) Zammit, b'porzjon sinifikanti tal-akkadut ikun dokumentat fuq il-*body cam* ta' PC 748 Nathan Ciappara[56]. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li *ai fini* tal-Artikolu 638 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-verżjoni ta' PC 748 Nathan Ciappara għandha mis-sewwa u għalhekk qed tibbaża l-konsiderazzjonijiet tagħha abbażi ta' din il-verżjoni;

***L-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u s-Sitt Imputazzjoni***

[54] Ara Dok NC1 a fol 37 tal-proċess
[55] Ara Dok NC2 a fol 38 tal-proċess
[56] Ara Dok NC3 a fol 39 tal-proċess

Rigward dawn l-imputazzjonijiet, mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat, wara li naqas milli jaderixxi mar-regoli imposti fuqu, u minkejja li kien mitkellem bil-kelma t-tajba mill-*Parte Civile* PC 748 Nathan Ciappara u avżat mill-*carers* dwar il-konsegwenzi tal-imġiba tiegħu (u ċioe' t-tifi tal-*internet* tar-residenza), ir-reazzjoni tal-imputat kienet waħda t'għajjat, tgħajjir, theddid, u vjolenza, partikularment fil-konfront ta' PC 748 Nathan Ciappara li, apparti li kien qed jipprova jkellem lill-imputat bil-kelma t-tajba u jitolbu jikkalma, kien qiegħed jaqdi dmirijietu bħala membru tal-Korp tal-Pulizija, u li din ir-reazzjoni eventwalment wasslet sabiex PC 748 Nathan Ciappara jsofri ġrieħi ta' natura ħafifa;

Rigward l-Artikoli applikabbli għal dawn l-imputazzjoni, b'referenza partikolari ssir għall-Ewwel u t-Tieni imputazzjoni, *stante* li l-inċident odjern seħħ fl-10 ta' Jannar 2025 (hekk kif ikkonfermat mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni), l-Artikolu 95 u l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom ikunu applikabbli kif kienu qabel ma daħlet fis-seħħ l-emenda fl-istess Kapitolu permezz tal-Att IV tal-2025, u ċioe' kif ġej:

> ***95. Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (€800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).***
>
> ***96. Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –***

> ***(a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000);***

Għalhekk, filwaqt li tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ipprovati, speċjalment tenut kont il-fatt li l-*Parte Civile* PC 478 Nathan Ciappara xehed fid-dettall dwar l-akkadut, u bil-verżjoni tiegħu tkun korroborata mix-xhieda okulari Giovanna Antida Gatt, Lucia Pace, Sebastiana Simler, OMISSIS u f'ċertu aspetti anke OMISSIS Zammit, kif ukoll permezz ta' filmat tal-*body cam* esebit fl-atti bħala Dok NC3 li juri parti sostanzjali mill-inċident;

A rigward it-Tielet imputazzjoni, li hija rigward ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 748 Nathan Ciappara *ai termini* tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tara li mill-provi prodotti jirriżulta li din hija l-konsegwenza tal-aġir tal-imputat imsemmi fl-Ewwel u t-Tieni imputazzjoni u s-Sitt imputazzjoni (li tirrinkwadra ruħha fid-dettami tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), u jirriżulta wkoll li l-imputat naqas mill jobdi l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn PC 748 Nathan Ciappara, tant li wassal għal offiża volontarja fuq il-persuna *ai termini* tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tosserva li *in oltre* għax-xhieda prodotti, il-ġrieħi ta' natura ħafifa jirriżultaw minn żewġ ċertifikati mediċi maħruġa favur il-*Parte Civile* PC 748 Nathan Ciappara, liema ċertifikati kienu esebiti fl-atti bħala Dok NC1 u Dok NC2, u kkonfermati bil-ġurament mit-Tobba Dr. Ramon Scerri u Dr. Mario Scerri rispettivament meta xehdu bil-ġurament fis-seduta tas-27 ta' Frar 2025. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ipprovati;

***Ir-Raba' Imputazzjoni – Ħebb fuq OMISSIS Busuttil***

Rigward din l-imputazzjoni, li tirrinkwadra ruħha fid-dettami tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, minn eżami tal-atti din il-Qorti tinnota li l-ebda dokumenti jew xhud ma jsemmi persuna bl-isem ta' OMISSIS Busuttil, wisq aktar xi prova li tista'

tindika n-ness bejn l-imputat u din l-imputazzjoni kif dedotta, u għalhekk tqis li l-imputazzjoni odjerna ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest;

***Il-Ħames Imputazzjoni – Inġurji u Theddid fuq Giovanna Antida Gatt, Lucia Pace, Sebastiana Simler, OMISSIS Busuttil u Nathan Ciappara***

Dwar din l-imputazzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gauci**, li fiha l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ssostni s-segwenti:

> ***Biex ikun hemm tali theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor***[57] ***– xi forma ta' ħsara inġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Huwa veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi indikat b'xi grad ta' preċiżjoni l-interess, ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid: "...*****e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace*****"***[58]***. Pero' dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bażi oġġettiva.***[59]

Tenut kont dan l-insenjament din il-Qorti tara kif mill-provi prodotti, l-aġir tal-imputat jirrikwadra ruħu fid-dettami tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu hija bbażata din l-imputazzjoni. Dan jingħad b'referenza għad-diskors tal-imputat fil-konfront ta' PC 748 Nathan Ciappara, li jixhed li qallu "***kieku jiena mhux pulizija daqqa ta' minkeb itini***"[60], u dan apparti l-offiża fuq il-persuna tal-istess PC 748 Nathan Ciappara, li saret fil-presenza tax-xhieda okulari Giovanna Antida Gatt, Lucia Pace,

---

[57] Fid-dottrina wieħed isib referenza għal minaċċa espliċita u impliċita, diretta u indiretta, reali u simbolika. Jista' jkun hemm ukoll minaċċa kondizzjonata – ara l-Artikolu 249(2) tal-Kodiċi Kriminali.
[58] Antolisei, F. Manuale di Diritto Penali – Part Speciale I Giuffre` (Milano), 1986, p. 140
[59] Appell Nru. 28/2003, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Vincent De Gaetano LL.D. nhar it-12 ta' Ġunju 2003, paġna 3
[60] Ara a fol 32 tal-proċess

Sebastiana Simler, OMISSIS u OMISSIS Zammit li, flimkien mal-għajjat, tgħajir u kliem ħażin din il-Qorti tqis li l-imġiba tal-imputat tissodisfa l-vot tal-intenzjoni ġenerika assoċjata ma' din il-kontravenzjoni, kif ukoll l-element ta' turbament imsemmi fis-sentenza sopraċitata, speċjalment fil-konfront ta' PC 748 Nathan Ciappara. Pero' għandu jingħad li sa fejn din l-imputazzjoni tirrigwarda lil OMISSIS Busuttil, bħalma ntqal rigward ir-raba' imputazzjoni, m'hemm xejn fl-atti li jindika l-irwol tiegħu f'dawn il-proċeduri għalkemm irid jingħad li l-minuri OMISSIS Micallef kien involut b'dan li ta x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri wkoll. Għaldaqstant, filwaqt li tqis li din l-imputazzjoni kienet sodisfaċentement ipprovata fir-rigward ta' PC 748 Nathan Ciappara, Giovanna Antida Gatt, Lucia Pace u Sebastiana Simler, pero' fir-rigward ta' OMISSIS Busuttil (*stante* li l-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma talbet korrezzjoni fl-imputazzjoni sabiex din tirrifletti l-veru kunjom tal-minuri u ċioe' Micallef), din l-imputazzjoni ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest;

***Is-Seba' Imputazzjoni – Reċidiva minn żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien datati d-9 ta' Jannar 2025***

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, mill-atti jirriżulta li din kienet esebita sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Christian Cauchi) v. OMISSIS**deċiża minn din il-Qorti fi proċeduri separati nhar id-9 ta' Jannar 2025, li permezz tagħha l-imputat tpoġġa taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza, liema sentenza kienet ikkonfermata bħala *res judicata* mix-xhieda tad-Deputat Reġistratur Iamin Guarracino għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2025. Mill-provi prodotti jirriżulta għalhekk naqas milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' *Probation* wara li nstab ħati minn din il-Qorti fil-proċeduri msemmija, u għalhekk jirrinkwadra ruħu wkoll fid-dettami tal-Artikolu 49(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> ***49. (1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.***

F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li tittratta dwar it-tlugħ fil-piena f'każ ta' reċidiva, minn eżami tal-Artikolu 52 tal-istess Kapitolu li jittratta dwar l-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikoli tar-reċidiva, tara li Ordni ta' *Probation* m'hix imsemmija fost dawn l-eċċezzjonijiet, u konsegwentement, tqis li din l-imputazzjoni kienet sodisfaċentement ipprovata, iżda dan jgħodd biss in kwantu għal sentenza waħda u ċioe' dik esebita fl-atti u ċioe' **Il-Pulizija (Spettur Christian Cauchi) v. OMISSIS**deċiża minn din il-Qorti fi proċeduri separati nhar id-9 ta' Jannar 2025, li permezz tagħha l-imputat tpoġġa taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza u dan *stante* li mill-atti ma jirriżultax li kien hemm żewġ sentenzi esebiti kif imsemmi mill-Prosekuzzjoni fl-imputazzjoni odjerna;

***It-Tmien Imputazzjoni – Ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta'* Probation *minn sentenza datata d-9 ta' Jannar 2025***

Dwar din l-imputazzjoni, din il-Qorti tara li abbażi tas-sentenza esebita fl-atti u msemmija fl-imputazzjoni preċedenti, u l-fatt li mill-imputazzjonijiet l-oħra kif dedotti fil-konfront tiegħu (ad esklużjoni tar-raba' imputazzjoni) kienu sodisfaċentement ippruvati, isegwi li l-imputazzjoni odjerna tirriżulta wkoll ipprovata sal-grad rikjest, u konsegwentement din trid titratta mal-imputat għar-reati li kien instab ħati tagħhom permezz tas-sentenza imsemmija *ai termini* tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

***Id-Disa' Imputazzjoni – Ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta'* Probation *minn sentenza datata d-9 ta' Jannar 2025***

Jibda biex jingħad li mill-qari tat-tmien u d-disa' imputazzjonijiet d-diċitura hija preċiżament l-istess. Din il-Qorti tasal biex tifhem li l-Prosekuzzjoni setgħet kienet qed tirreferi għal żewġ sentenzi fil-konfront tal-imputat b'mod separat (kif fil-fatt jissemma fis-seba' imputazzjoni) pero' *stante* li kienet esebita sentenza waħda biss fl-atti ta' dawn il-proċeduri, u l-mertu dwar dik is-sentenza kien trattat fl-imputazzjoni preċedenti, din il-

Qorti tara li hi sajma minn provi ulterjuri li jduru fuq sentenza differenti minn dik imsemmija fl-imputazzjoni preċedenti u għalhekk sabiex ikun salvagwardjat il-prinċipju ta' *ne bis in idem* din il-Qorti qed tasOMISSISeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni;

**Ikkunsidrat ukoll:**

Waqt it-trattazzjoni tagħha d-Difiża tissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-ħażen tal-imputat fit-twettiq tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu, li huwa wieħed mill-elementi rikjesti sabiex tissussisti r-responsabbilta' kriminali għal persuni minorenni hekk kif spjegat fl-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan il-punt, il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti, jirriżulta biċ-ċar li l-imputat, minkejja li kien avżat u kien mitkellem bil-kelma t-tajba sabiex jaderixxi mar-regoli tar-residenza, għażel xorta waħda li ma jagħmilx hekk, tant li r-reazzjoni tiegħu kienet waħda vjolenti u intimidanti fil-konfront ta' PC 748 Nathan Ciappara, il-*carers* u r-residenti l-oħra tal-*Home* li, f'għajnejn din il-Qorti l-aġir tal-imputat juri l-intenzjoni da parti tiegħu li ma josservax ir-regoli imposti fuqu ġewwa r-residenza, u dan l-atteġġjament ippersista matul l-inċident kollu minkejja li PC 748 Nathan Ciappara talbu kemm-il darba biex jikkalma u jieqaf. Ir-reazzjoni sussegwenti tiegħu (b'reżistenza għall-ordnijiet ta' PC 748 li kkulminat fi ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu) tkompli turi intenzjoni da parti tal-istess imputat li jikkommetti r-reati u kontravenzjonijiet in deżamina. Tenut kont dan kollu għalhekk, din il-Qorti, filwaqt li min-naħa l-waħda tista' tirrikonoxxi li l-imputat ħass li ma kienx qed trattat bl-istess mod bħar-residenti l-oħra, min-naħa l-oħra bl-ebda mod ma jiġġustifika l-aġir tiegħu fil-konfront tal-partijiet leżi, u għalhekk ma tistax taqbel ma' dan il-punt imqajjem mid-Difiża;

*In oltre*, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-imputat kien ben konxju li kien taħt Ordni ta' *Probation* li, hekk kif jirriżulta mill-atti, kienet ingħatat biss ġurnata qabel, u li l-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Ordni ta' *Probation* qegħdin hemm biex ikunu segwiti. Madankollu, filwaqt li ma tistax tinjora l-portata tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, trid tieħu in konsiderazzjoni ukoll l-andament pożittiv tiegħu kemm ilu jkun segwit minn *Probation Officer* permezz tal-Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni tat-12 ta' Jannar

2025. Għalhekk, kif ingħad, filwaqt l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat huma ta' natura serja u li l-piena erogata għandha tkun tali li tirrifletti s-serjeta' tagħhom, hija wkoll tal-fehma li piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tiegħu ma tkunx waħda idoneja, u tqis li jkun f'posizzjoni li jagħmel aktar progress jekk jibqa' jkun segwit mid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole*. Dan jingħad ukoll anke tenut kont l-eta' tal-imputat li għadu minorenni ta' 15-il sena u għalhekk id-dettami tal-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma reżi applikabbli;

**Decide:**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(f), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 49, l-Artikolu 50, l-Artikolu 95, l-Artikolu 96, l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 338(ee), l-Artikolu 339(1)(d), l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta **qiegħda, filwaqt li ssib lill-imputat OMISSISmhux ħati tar-raba' imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena relatata mal-istess raba' imputazzjoni, qed tasOMISSISeni milli tieħu konjizzjoni tad-disa' imputazzjoni abbażi tal-prinċipju *ne bis in idem* qiegħda wkoll issib lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu**, pero' *stante* li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi sabiex tingħata sentenza sospiża, qiegħda tikkundanna lill-imputat, issa l-ħati OMISSISgħall-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija , **li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tkun sospiża għal perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar mid-data ta' din is-sentenza, u tikkundannah ukoll għal ħlas ta' multa li b'applikazzjoni tal-Artikolu 37(2), l-Artikolu 31(1)(f) u l-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tkun ridotta għal *ammenda* fl-ammont kumplessiv ta' mija u sittax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€116.46);**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-imputat, issa l-ħati **OMISSIS OMISSIS,** bi kliem ċar u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti,

u ċioe' li f'każ li jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' tmintax (18)-il xahar imsemmija aktar 'il fuq issir waħda ta' priġunerija effettiva;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **OMISSIS**taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tar-rabja, u jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **OMISSIS**fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **OMISSIS**li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem fil-konfront tal-imputat il-provvedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li din hija Ordni li tingħata biss *pendente lite*, tiddikjara li m'hijiex f'posizzjoni li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem fil-konfront tal-imputat il-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' **Giovanna Antida Gatt, Lucia Pace, Sebastiana Simler, OMISSIS Busuttil, Nathan Ciappara u/jew persuni oħra**, qiegħda tilqa' t-talba ad esklużjoni ta' OMISSIS Busuttil (*stante* li jirriżulta li kien hemm żball fil-kunjom tal-istess u qatt ma ġiet mitluba xi korrezzjoni f'dan is-sens), u minflok tilqa' l-istess talba a

favur **OMISSIS** (*stante* li dan jaqa' taħt 'persuni oħra' kif mitlub mill-Prosekuzzjoni stess), u konsegwentement qiegħda torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt garanzija ta' elf Ewro (€1,000), u dan għal żmien tnax (12)-il xahar *ai termini* tal-Artikolu 383(1) u l-Artikolu 383(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**